

***l-acc̈ent* – Linji Gwida għall-Awturi u l-Kontributuri**

Id-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni (DĠT)

1. Għan u Skop

l-acc̈ent huwa pubblikazzjoni semiakkademika tal-komunità lingwistika Maltija tad-Direttorat Ġenerali għat-Traduzzjoni (DĠT) li toffri spazju għal riflessjoni, analiżi u skambji professjonali dwar it-traduzzjoni, it-tħaddim tal-ilsien Malti u affarijiet relatati. Thegġegħ kontribuzzjonijiet ta' natura professjonali kif ukoll akkademika, marbuta mal-ħidma u l-missjoni tad-DĠT.

l-acc̈ent jinkludi wkoll intervisti, tagħrif dwar pubblikazzjonijiet, informazzjoni dwar karrieri fit-traduzzjoni fil-Lussemburgu u fi Brussell, u għarfien u esperjenzi b'rabta max-xogħol u l-ħajja ta' traduttur. L-artikli huma relatati mat-tħaddim tal-Malti fil-kitba u t-traduzzjoni.

2. Il-Bord Editorjali

Il-pubblikazzjoni tiġi kkoordinata minn Bord Editorjali stabbilit fid-DĠT. Il-Bord jiddeċiedi t-temi ta' kull ħarġa, jirrevedi l-kontribuzzjonijiet u jiżgura li l-lingwa u l-istil ikunu ta' livell għoli. Il-Bord iżomm il-jedd li artiklu ma jippubblikahx.

3. Il-Kontributuri

Il-pubblikazzjoni tilqa' kontribuzzjonijiet mingħand membri tal-istaff tad-DĠT, kollegi minn istituzzjonijiet oħra tal-UE kif ukoll esperti, awturi u akkademiċi esterni, marbuta mat-traduzzjoni u mal-Malti b'mod ġenerali. L-awturi għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet tagħhom ikunu jirrispettaw il-prinċipji etiċi u l-valuri fundamentali li tħaddan il-Kummissjoni Ewropea.

Il-fehmiet espressi f'*l-acc̈ent* ma jirrappreżentawx bilfors il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea.

4. Sottomissjoni u Reviżjoni

Il-proposti għal artikli jintlaqgħu bl-email fuq L-ACCENT@ec.europa.eu.

L-artikli mbagħad jintbagħtu lill-Bord Editorjali. Kull kontribuzzjoni jirrevediha l-Editur u/jew membri oħra tal-bord. Wara l-editjar, l-awturi jintalbu jaraw il-verżjoni riveduta u jagħtu l-aċċettazzjoni tagħhom għall-pubblikazzjoni. Id-dokument rivedut imbagħad jgħaddi għall-qari tal-provi.

5. Format u Tul

L-artikli għandhom ikunu bejn 1,500 u 3,500 kelma, għalkemm f'każijiet ġustifikati jistgħu jkunu itwal. Kull kontribuzzjoni għandha tinkludi t-titlu u l-isem sħiħ tal-awtur. Il-kitba għandha tkun ċara u aċċessibbli u ma tistrieħx fuq lingwaġġ tekniku. Huwa importanti li l-lingwa tkun korretta, mexxejja u ta' livell tajjeb. Jekk l-awturi jagħżlu li jinkludu xi grafika jew ritratti fl-artiklu, hu mistenni li dan il-materjal jinhemeż separatament mill-artiklu u li jitqiegħed fl-artiklu nnifsu biex l-awturi jindikaw fejn jippreferu li jitqiegħed. L-inklużjoni tagħhom fil-pubblikazzjoni finali tiddependi mil-limitazzjonijiet tal-proċess tal-impagñar. Id-dokument irid ikun .docx jew .rtf, iżda mhux PDF.

6. Il-Lingwa

l-acc̈ent huwa ppubblikat bil-Malti.

7. Stil u Etika

Il-kitba għandha tkun ċara, preċiża u inklużiva. L-artikli għandhom jevitaw kontenut politiku kontenzjuż, reklamar ta' prodotti u għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' oġġettività u preċiżjoni. Il-kontributuri għandhom jevitaw artikli li jinkludu kritika, anki personali, li tista' tqiegħed lill-istituzzjoni f'sitwazzjoni skomda. Informazzjoni kunfidenzjali ma tistax tiġi divulgata u l-awturi huma responsabbli mill-oriġinalità tax-xogħol tagħhom u għandhom jaraw li l-użu ta' kwalunkwe għodda, inkluż dik li taħdem bl-intelliġenza artifiċjali, ma jkunx jikkomprometti l-integrità ta' xogħolhom. Meta jintuża materjal ta' terzi persuni, l-awturi għandhom jiżguraw li jkunu kisbu l-permessi meħtieġa u li dan jitniżżel fil-biblijografija.

8. Drittijiet tal-Awtur u Użu Mill-Ġdid

L-awturi jagħtu d-dritt lill-Kummissjoni Ewropea li tirriproduċi, tittraduċi jew tadatta l-kontribuzzjonijiet tagħhom. L-awturi jżommu d-drittijiet tagħhom u jistgħu jerġgħu jippubblikaw l-artiklu tagħhom jew parti minnu, sakemm isemmu l-pubblikazzjoni oriġinali f'*l-acc̈ent*.

9. Pubblikazzjoni

l-acc̈ent hu disponibbli primarjament online, u jiġu stampati xi kopji għal distribuzzjoni limitata.

10. Skadenza

L-iskadenza annwali għas-sottomissjoni tal-artikli hija **1-31 ta' Mejju**.

11. Kuntatt

L-ACCENT@ec.europa.eu

Verżjoni 1.1

21/11/2025